# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fit-23 ta’ Marzu 2023[1]

**Kawża C-590/21**

**Charles Taylor Adjusting Limited,**
**FD**
**vs**
**Starlight Shipping Company,**
**Overseas Marine Enterprises Inc.**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili – Regolament (KE) Nru 44/2001 – Rikonoxximent u eżekuzzjoni fi Stat Membru ta’ deċiżjonijiet li joriġinaw minn Stat Membru ieħor – Artikolu 34 – Raġunijiet għaċ-ċaħda – Ksur tal-ordni pubbliku tal-Istat Membru mitlub – Kunċett ta’ ‘ordni pubbliku’ – Deċiżjoni li tipprekludi t-tkomplija ta’ proċeduri mibdija quddiem il-qrati ta’ Stat Membru ieħor jew tal-eżerċizzju tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja), tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 34 u tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta’ Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali[2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża li għandha bħala s-suġġett tagħha r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni minn qorti ta’ Stat Membru ta’ deċiżjonijiet mogħtija minn qorti ta’ Stat Membru ieħor li għandhom l-effett li jiddisswadu lill-partijiet, li kienu bdew proċeduri quddiem qorti oħra tal-ewwel Stat Membru, milli jkomplu l-proċedura pendenti quddiem din tal-aħħar.

3. Din it-talba sejra twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ kundanna ta’ dawn ir-rikorrenti għall-ħlas ta’ kumpens fir-rigward tal-ispejjeż ta’ din il-proċedura, ibbażata fuq il-ksur ta’ ftehim ta’ riżoluzzjoni li jtemm azzjoni preċedenti mibdija minn dawn tal-aħħar u stabbilit mill-qorti maħtura f’dan il-ftehim, jistgħux jiġu rrifjutati billi jmorru kontra l-ordni pubbliku, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

4. Sejjer nesponi r-raġunijiet għaliex jiena tal-opinjoni li, f'sitwazzjoni bħal din, għandhom jiġu applikati wkoll il-prinċipji li wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li "anti-suit injunction", jiġifieri ordni intiża li tipprekludi persuna milli tibda jew tkompli proċedura quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor, ma hijiex kompatibbli mas-sistema implimentata mir-Regolament Nru 44/2001.

## II. Il-kuntest ġuridiku

5. Il-Punt 1 tal-Artikolu 34, tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi:

"Sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta:

(1) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika ta' l-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent;"

6. Skont l-Artikolu 45(1) ta' dan ir-regolament:

"Il-qorti fejn l-appell għandu jiġi ppreżentat permezz ta' l-Artikolu 43 jew l-Artikolu 44 għandu jiċħad jew jirrevoka dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni biss fuq il-bażi speċifikati f'l-Artikoli 34 u 35. Din għandha tagħti d-deċiżjoni mingħajr dewmien."

## III. Il-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

7. Fit-3 ta' Mejju 2006, il-bastiment Alexandros T. għeraq bil-merkanzija tiegħu lil hinn mill-bajja ta' Port Elizabeth (l-Afrika t'Isfel). Il-kumpanniji Starlight Shipping Company [3] u Overseas Marine Enterprises Inc. [4], rispettivament proprjetarji u operaturi ta' dan il-bastiment, talbu mingħand l-assiguraturi ta' dan tal-aħħar il-ħlas ta' kumpens, fuq il-bażi tar-responsabbiltà kuntrattwali ta' dawn tal-aħħar, fid-dawl tal-okkorrenza tal-inċident kopert mill-assigurazzjoni.

8. Minħabba r-rifjut ta' dawn l-assiguraturi, Starlight bdiet, matul l-istess sena, azzjonijiet kontra dawn tal-aħħar fir-Renju Unit quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni u, fil-konfront ta' wieħed mill-assiguraturi, billi rrikorriet għall-arbitraġġ. Filwaqt li dawn il-proċeduri kienu pendenti, Starlight, OME u l-assiguraturi tal-bastiment ikkonkludew ftehimiet ta' riżoluzzjoni [5] li permezz tagħhom intemmu l-proċeduri ta' bejn il-partijiet. L-assiguraturi ħallsu, abbażi tal-okkorrenza tal-inċident kopert mill-assigurazzjoni, fit-terminu miftiehem, il-kumpens tal-assigurazzjoni previst mill-kuntratti tal-assigurazzjoni, għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha b'rabta mat-telf tal-bastiment Alexandros T.

9. Dawn il-ftehimiet ġew ivvalidati fl-14 ta' Diċembru 2007 u fis-7 ta' Jannar 2008 minn qorti Ingliża li quddiemha l-azzjoni kienet pendenti. Din il-qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull proċedura ulterjuri b'rabta mal-kawża kkonċernata u li tirriżulta mill-istess azzjoni.

[3] Iktar 'il quddiem "Starlight".

[4] Iktar 'il quddiem "OME".

[5] Iktar 'il quddiem il-"ftehimiet ta' riżoluzzjoni". Hemm tlieta minn dawn il-ftehimiet u huma datati, rispettivament, it-13 ta' Diċembru 2007, kif ukoll is-7 u t-30 ta' Jannar 2008, dan l-aħħar imsemmi ftehim ġie konkluż fil-kuntest ta' arbitraġġ.

10. Wara l-konklużjoni tal-imsemmija ftehimiet, Starlight u OME kif ukoll il-proprjetarji u l-persuni fiżiċi l-oħrajn li jirrappreżentawhom legalment bdew, quddiem il-Polymeles Protodikeio Peiraios (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus, il-Greċja), diversi azzjonijiet ġudizzjarji fosthom, b'mod partikolari, dawk tal-21 ta' April 2011 u tat-13 ta' Jannar 2012, b'mod partikolari diretti kontra Charles Taylor Adjusting Limited[6], uffiċċju ta' konsulenti legali u tekniċi, li kien iddefenda lill-assiguraturi tal-bastiment Alexandros T. fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' Starlight quddiem il-qorti Ingliża, u kontra FD, direttur ta' dan l-uffiċċju.

11. Permezz ta' dawn l-azzjonijiet il-ġodda li huma bbażati fuq id-delitt, Starlight u OME talbu kumpens għad-danni kemm materjali kif ukoll morali allegatament subiti minħabba allegazzjonijiet foloz u diffamatorji li jikkonċernaw lilhom li huma responsabbli għalihom l-assiguraturi tal-bastiment u r-rappreżentanti tagħhom. Starlight u OME sostnew li, meta l-proċedura inizjali għal kumpens għad-danni dovuti mill-assiguraturi kienet għadha pendenti u meta kien għadu jippersisti r-rifjut tal-ħlas tal-kumpens tal-assigurazzjoni, l-attendenti u r-rappreżentanti ta' dawn l-assiguraturi kienu ċċirkolaw, fil-preżenza tal-Ethniki Trapeza tis Ellados (il-Bank Nazzjonali tal-Greċja), kreditur ipotekarju tal-proprjetarju tal-bastiment li kien għeraq, kif ukoll fis-suq tal-assigurazzjoni, b'mod partikolari, il-qlajja falza li skontha t-telf tal-bastiment kien dovut għal difetti serji f'dan tal-aħħar, li l-proprjetarji tiegħu kienu konxji minnhom.

12. Matul is-sena 2011, filwaqt li l-imsemmija azzjonijiet kienu pendenti, l-assiguraturi tal-bastiment u r-rappreżentanti tagħhom, fosthom b'mod partikolari Charles Taylor u FD, konvenuti f'dawk il-proċeduri, ippreżentaw azzjonijiet kontra Starlight u OME quddiem il-qrati Ingliżi sabiex jiġi kkonstatat li l-proċeduri mibdija fil-Greċja kienu jikkostitwixxu ksur tal-ftehimiet ta' riżoluzzjoni u sabiex jintlaqgħu t-talbiet tagħhom għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni u għal kumpens.

13. Wara l-istadji kollha tal-proċess quddiem il-qrati Ingliżi, dawn ir-rikorsi taw lok għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Settembru 2014, u għal żewġ digrieti minn Imħallef tal-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Commercial Court) (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Queen's Bench (Awla Kummerċjali), ir-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"High Court"))[7], ibbażati fuq il-kontenut tal-ftehimiet ta' riżoluzzjoni kif ukoll fuq il-klawżola dwar l-għażla tal-*forum* li tindika lil din il-qorti u li jilqgħu t-talba tar-rikorrenti għall-kumpens għad-danni marbuta mal-proċedura mibdija fil-Greċja kif ukoll għall-ispejjeż sostnuti fl-Ingliterra[8].

14. Il-Monomeles Protodikeio Peiraios, Naftiko Tmima (il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Piraeus, Sezzjoni Marittima, il-Greċja) laqgħet ir-rikors ta' Charles Taylor u ta' FD tas-7 ta' Jannar 2015 intiż sabiex dawn id-deċiżjonijiet jiġu rrikonoxxuti u ddikjarati parzjalment eżekuttivi fil-Greċja, konformement mar-Regolament Nru 44/2001.

15. Fil-11 ta' Settembru 2015, Starlight u OME appellaw[9] minn din is-sentenza quddiem il-Monomeles Efeteio Peiraios Naftiko Tmima (il-Qorti tal-Appell ta' Piraeus b'Imħallef Uniku, Sezzjoni Marittima, il-Greċja).

6 Iktar 'il quddiem "Charles Taylor".

7 Iktar 'il quddiem is-"sentenza tal-High Court, id- "digrieti tal-High Court" u flimkien, is-"sentenza u d-digrieti tal-High Court".

8 Ara, għal spjegazzjoni fid-dettall tal-kontenut tagħhom, il-punti 30 sa 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16. Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Lulju 2019, din il-qorti laqgħet it-talba tagħhom peress li d-deċiżjonijiet li qegħdin jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tagħhom jinkludu "'kważi' anti-suit injunctions" li jostakolaw lill-persuni interessati milli jaċċedu għall-ġustizzja Griega, bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[10] kif ukoll tal-Artikolu 8(1) u tal-Artikolu 20 tas-Syntagma (il-Kostituzzjoni). Issa, dawn id-dispożizzjonijiet huma fil-qalba tal-kunċett ta' "ordni pubbliku" fil-Greċja.

17. Charles Taylor u FD appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem l-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Huma jqisu li s-sentenza u d-digrieti tal-High Court la huma manifestament kuntrarji għall-ordni pubbliku tal-*forum* u lanqas għal dak tal-Unjoni Ewropea u ma jiksrux il-prinċipji fundamentali. Huma jsostnu li l-fatt li huma jingħataw kumpens provviżorju, abbażi tal-azzjonijiet mibdija fil-Greċja qabel ma jiġu eżerċitati l-azzjonijiet ġudizzjarji inkwistjoni quddiem il-qrati Ingliżi, ma jipprekludix lill-persuni interessati la li jkomplu jadixxu lill-qrati Griegi u lanqas lil dawn il-qrati milli jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja. Konsegwentement, din is-sentenza u dawn id-digrieti tal-High Court ġew, b'mod żbaljat, ittrattati bħala li kienu jikkostitwixxu "anti-suit injunctions".

18. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-espressjoni manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Unjoni u, b'estensjoni, mal-ordni pubbliku nazzjonali, li tikkostitwixxi raġuni għaċ-ċaħda ta' rikonoxximent u għad-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni skont il-punt 1 tal-Artikolu 34 u l-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għandha tinftiehem fis-sens li tirrigwarda, minbarra l-anti-suit injunctions, li jipprojbixxu l-ftuħ u t-tkomplija ta' proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor, ukoll deċiżjonijiet u digrieti mogħtija minn qrati ta' Stati Membri li: i) jipprekludu u jostakolaw lir-rikorrent fir-rigward tal-għoti ta' protezzjoni ġudizzjarja min-naħa ta' qorti ta' Stat Membru ieħor jew fit-tkomplija ta' proċedimenti diġà pendenti quddiemha, u ii) liema fatt jikkostitwixxi għalhekk indħil fil-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor biex tieħu konjizzjoni ta' tilwima speċifika, diġà pendenti quddiemha u li diġà ġiet attribwita lilha u li titqies li hija kompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Unjoni? B'mod iktar partikolari, ir-rikonoxximent u/jew id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jew ta' digriet ta' qorti ta' Stat Membru li jagħti kumpens pekunjarju provviżorju u bil-quddiem lill-persuni li jitolbuh, ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni għall-infieq u l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tressiq tal-azzjoni ġudizzjarja jew mit-tkomplija ta' proċedimenti quddiem il-qorti ta' Stat Membru ieħor, jinsabu f'kuntrast mal-ordni pubbliku tal-Unjoni skont il-punt 1 tal-Artikolu 34 u l-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għall-fatt li:

a) b'riżultat tal-eżami ta' tali azzjoni, il-kawża tkun koperta bi ftehim ta' riżoluzzjoni, konkluż b'mod regolari u kkonfermat minn qorti tal-Istat Membru li jagħti d-deċiżjoni (jew) u digriet u,

b) il-qorti tal-Istat Membru l-ieħor adita mill-konvenut b'azzjoni ġdida ma jkollhiex ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' klawżola li tattribwixxi ġurisprudenza esklużiva?

[10] Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, iktar 'il quddiem il-"KEDB".

2) Fil-każ ta’ risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, jeżisti fis-sens veru tal-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001, kif delimitat mill-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, ostakolu għar-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tan-natura eżekuttiva fil-Greċja tad-deċiżjoni u tad-digrieti msemmija iktar ’il fuq (l-ewwel domanda), mogħtija minn qrati ta’ Stat Membru ieħor (ir-Renju Unit) meta din id-deċiżjoni jew dawn id-digrieti huma manifestament u direttament kuntrarji għall-ordni pubbliku intern konformement mal-prinċipji fundamentali kulturali u legali, adottati fil-pajjiż, u mar-regoli fundamentali tad-dritt Grieg, li jirrigwardaw in-nukleu nnifsu tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja (l-Artikolu 8 u l-Artikolu 20 tal-Kostituzzjoni Ellenika, l-Artikolu 33 tal-Astikos Kodikas [il-Kodiċi Ċivili] u l-prinċipju ta’ preservazzjoni tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja, kif ippreċiżat mill-Artikoli 176 u 173(1) sa (3), 185, 205 u 191 tal-Kodikas Politikis Dikonomias [il-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili] […]), kif ukoll mal-Artikolu 6(1) tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ta’ natura li jiġġustifika f’tali każ, li d-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ma jiġix applikat, u n-nuqqas ta’ rikonoxximent minħabba dan l-ostakolu huwa kompatibbli mal-prinċipji li jassimilaw u jippromwovu l-perspettiva Ewropea?”.

19. Charles Taylor u FD, Starlight u OME, il-Gvern Grieg u Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub.

## IV. Analiżi

20. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001 għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti ta’ Stat Membru tista’ tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi deċiżjoni minħabba li din tkun kuntrarja għall-ordni pubbliku minħabba l-fatt li din id-deċiżjoni tostakola t-tkomplija ta’ proċedura pendenti quddiem qorti oħra ta’ dan l-Istat Membru, sa fejn hija tagħti lil waħda mill-partijiet kumpens pekunjarju provviżorju fuq il-bażi tal-ispejjeż li hija ġġarrab minħabba l-ftuħ ta’ din il-proċedura, peress, minn naħa, li s-suġġett ta’ din il-proċedura huwa kopert minn ftehim ta’ riżoluzzjoni, konkluż legalment u vvalidat mill-qorti tal-Istat Membru li tat din id-deċiżjoni, u, min-naħa l-oħra, li l-qorti tal-Istat Membru l-ieħor, li quddiemha inbdiet din il-proċedura, ma hijiex kompetenti minħabba klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni esklużiva.

21. F’dan il-każ, is-sentenza u d-digrieti tal-High Court li qegħdin jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tagħhom quddiem qorti Griega ngħataw fis-26 ta’ Settembru 2014. Ir-Regolament Nru 44/2001 huwa applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali [11].

[11] Konformement mal-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1), ir-Regolament Nru 44/2001 ikompli japplika għall-azzjonijiet mibdija qabel l-10 ta’ Jannar 2015. Dan huwa l-każ ukoll, fir-rigward ta’ deċiżjonijiet mogħtija fir-Renju Unit, skont l-Artikolu 67(2)(a) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 7), adottat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta’ Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 1), fis-seħħ sa mill-1 ta’ Frar 2020, konformement mal-Artikolu 185, b’perijodu ta’ tranżizzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2020 (l-Artikolu 126), li matulu d-dritt tal-Unjoni kien applikabbli fir-Renju Unit, bla ħsara għal kull dispożizzjoni kuntrarja prevista f’dak il-ftehim (l-Artikolu 127).

22. Dan ir-regolament jinkludi regoli speċifiċi fil-qasam tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li jeħtieġ li jitfakkru[12], filwaqt li jiġi enfasizzat li dawn ma ġewx kollha riprodotti fir-Regolament Nru 1215/2012.

## *A. Tfakkira tar-regoli ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni applikabbli għat-tilwima*

23. Ir-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi li "[s]entenza mogħtija minn Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura speċjali."[13]. F'każ ta' kontestazzjoni, kull parti interessata li tinvoka r-rikonoxximent fuq bażi prinċipali tista' tikkonstata li d-deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta[14]. Għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, hija prevista, fl-Artikolu 38 ta' dan ir-regolament, proċedura li ssir b'rikors bil-ħsieb li tiġi kkonstatata s-saħħa eżekuttiva tagħha fl-Istat Membru mitlub[15].

24. F'dan l-istadju, ma jitwettaq l-ebda stħarriġ fil-mertu[16].

25. Konformement mal-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 44/2001, huwa biss fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni marbuta mat-talba għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni, previst fl-Artikolu 43(1) ta' dan ir-regolament[17], li l-qorti tista' tirrifjuta jew tirrevoka tali dikjarazzjoni għal waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent stabbiliti fl-Artikoli 34 u 35 tal-imsemmi regolament.

26. Fl-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001 hemm stabbiliti erba' raġunijiet ġenerali għal nuqqas ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni[18]. Il-punt 1 ta' dan l-artikolu jikkontempla l-każ li fih "ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika ta' l-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent". Skont l-Artikolu 35(3) ta' dan ir-regolament, il-kriterju tal-ordni pubbliku jista' jiġi applikat biss għar-regoli ta' ġurisdizzjoni[19].

[12] Fuq il-prinċipju li l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' wieħed minn dawn l-istrumenti legali, fosthom ukoll il-konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), iffirmata fi Brussell fis-27 ta' Settembru 1968, kif emendata bil-konvenzjonijiet suċċessivi marbuta mal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda f'din il-konvenzjoni (ĠU 1998, C 27, p. 1), (iktar 'il quddiem il-"konvenzjoni ta' Brussell"), tgħodd ukoll għal dawk ta' oħrajn, meta dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti, ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2022, London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association (C-700/20, EU:C:2022:488, punt 42).

[13] Artikolu 33(1). Din ir-regola hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka fil-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni, li hija msejsa fuq il-prinċipju li l-Istati Membru kollha jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni, bil-għan li jiġi żgurat il-moviment liberu tad-deċiżjonijiet [ara s-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2019, Aktiva Finants (C-433/18, EU:C:2019:1074, punti 23 u 25)].

[14] Ara l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Nru 44/2001. Barra minn hekk, qorti ta' Stat Membru li quddiemha jiġi invokat ir-rikonoxximent ta' tali deċiżjonijiet b'mod inċidentali għandu jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom (ara l-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu).

[15] Din il-proċedura tħassret fir-Regolament Nru 1215/2012 (ara l-premessa 26). Ara, bħala tfakkira tal-istħarriġ eżerċitat, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punti 43 u 44). Skont l-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 44/2001, id-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva ta' deċiżjoni barranija li tat deċiżjoni dwar diversi talbiet tista' tiġi limitata għal uħud minnhom li jkunu separabbli, *ex officio* jew fuq talba tar-rikorrent.

[16] Ara l-Artikolu 41, u l-premessa 17 tar-Regolament Nru 44/2001.

[17] Ara l-premessa 18 tar-Regolament Nru 44/2001. Skont l-Artikolu 43(1) ta' dan ir-Regolament, "[i]d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni tista' tkun appellata minn kull parti".

[18] Raġunijiet oħrajn huma stabbiliti fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 44/2001. Dan tal-aħħar huwa sanċit fir-rigward tal-kriterji ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni, tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi, u ta' dawk li jindikaw b'mod esklużiv qorti partikolari, irrispettivament mid-domiċilju tal-partijiet, kif ukoll fir-regola stabbilita fl-Artikolu 72 ta' dan ir-regolament. Billi ġew riprodotti fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, dawn id-dispożizzjonijiet ġew estiżi biss għall-qasam tal-kuntratti individwali tax-xogħol. Ara, bħala illustrazzjoni tal-konsegwenzi proċedurali, is-sentenza tat-3 ta' April 2014, Weber (C-438/12, EU:C:2014:212, punti 54 sa 58).

[19] Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Liberato (C-386/17, EU:C:2019:24, punt 45), kif ukoll il-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li hija adita biha.

### *B. Iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża prinċipali*

28. Jixraq li jiġu rrilevati diversi elementi marbuta mal-kuntest proċedurali u mal-kontenut tad-deċiżjonijiet inkwistjoni.

#### *1. Il-kuntest proċedurali*

29. Id-deċiżjoni tar-rinviju għandha bħala l-għan tagħha l-interpretazzjoni tar-raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni minħabba li r-rikonoxximent imur kontra l-ordni pubbliku f'kuntest proċedurali li jippreżenta l-karatteristiċi li ġejjin:

– ġew iffirmati mill-partijiet fil-kawża prinċipali *ftehimiet ta' riżoluzzjoni li jipprovdu għall-ġurisdizzjoni esklużiva* ta' qorti Ingliża fil-kuntest ta' azzjoni mibdija minn Starlight fuq *bażi kuntrattwali*;

– il-konvenuti *fl-azzjoni għad-danni li jirriżultaw minn delitt* mibdija minn Starlight u minn OME quddiem qorti Griega, wara l-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet, kisbu mingħand dik il-qorti Ingliża deċiżjonijiet li jilqgħu t-talba tagħhom għal protezzjoni dikjaratorja u li jagħtuhom fuq bażi ta' akkont, kumpens marbut mal-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-qorti Griega kif ukoll il-ħlas ta' somom għall-ispejjeż sostnuti quddiem l-imsemmija qorti Ingliża, u

– kif enfasizzaw Charles Taylor u FD, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni jiddependu fuq l-evalwazzjoni tas-suġġett tagħha.

#### *2. Il-kontenut tad-deċiżjonijiet inkwistjoni espost mill-qorti tar-rinviju*

30. Il-mistoqsijiet tal-qorti tar-rinviju joriġinaw mill-kontenut tas-sentenza u tad-digrieti tal-High Court, li hija tislet mir-rikors ta' Charles Taylor u ta' FD.

31. Fl-ewwel lok, dawn id-deċiżjonijiet huma bbażati fuq konstatazzjoni doppja. Minn naħa, ġie deċiż, b'sentenza, li l-azzjonijiet mibdija fil-Greċja jiksru l-ftehimiet ta' riżoluzzjoni[20]. Dawn il-ftehimiet ġew konklużi bejn il-partijiet li kienu kollha kemm huma ffaċċjati fil-proċeduri fl-Ingilterra u fil-proċedura tal-arbitraġġ b'allegazzjonijiet li huma kienu pparteċipaw f'delitt kollettiv. L-effett prodott mill-imsemmija ftehimiet huwa li kull azzjoni possibbli diretta kontra dawn il-partijiet, għall-istess raġuni bħal dik li tikkostitwixxi l-bażi tal-proċeduri mibdija fil-Greċja kontra tagħhom, kienet diġà riżolta mill-istess ftehimiet, bis-saħħa tar-regola applikabbli għall-koawturi tad-delitti.

32. Min-naħa l-oħra, bid-digrieti, ġie rrilevat ukoll li l-azzjonijiet ġudizzjarji Griegi tressqu bi ksur tal-għażla tal-qorti b'ġurisdizzjoni esklużiva.

[20] Il-qorti Ingliża rrilevat li l-klawżoli tal-ftehimiet ta' riżoluzzjoni kienu jeżentaw b'mod partikolari lil Charles Taylor u FD minn kull obbligu b'rabta ma' kull pretensjoni li Starlight u OME (jew kull waħda minnhom) seta' jkollhom abbażi tat-telf tal-bastiment, inkluż kull obbligu b'rabta mal-pretensjonijiet ifformulati fl-azzjonijiet ġudizzjarji Griegi.

33. Fit-tieni lok, permezz ta' żewġ digrieti separati, Starlight u OME ġew ikkundannati jħallsu:

– abbażi tas-sentenza tal-High Court li tistabbilixxi l-kreditu bħala prinċipju u l-ammont tiegħu[21], akkont fuq il-kumpens dovut abbażi tal-proċedura mibdija fil-Greċja, ekwivalenti għal somma ta' 100 000 lira sterlina (GBP) (madwar EUR 128 090)[22], pagabbli sa mhux iktar tard mis-17 ta' Ottubru 2014, fl-16.30, liema somma kellha tkopri l-ispejjeż kollha sostnuti sad-9 ta' Settembru 2014 inkluża din id-data, kif ukoll

– żewġ somom rappreżentanti spejjeż tal-proċedura quddiem il-qorti Ingliża, jiġifieri GBP 120 000 (madwar EUR 153 708), u GBP 30 000 (madwar EUR 38 527), pagabbli fl-istess terminu, rappreżentanti kumpens sħiħ.

34. Fit-tielet lok, hemm elementi komplementari fid-digrieti tal-High Court li tagħhom intalbu r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni tan-natura eżekuttiva quddiem il-qrati Griegi. Il-qorti tar-rinviju b'hekk tfakkar:

– "[I]ż-żewġ digrieti [tal-High Court] jinkludu, fil-bidu tagħhom, ordnijiet li jwissu lil Starlight u lil OME, kif ukoll lill-persuni fiżiċi li jirrappreżentawhom, li, jekk huma ma jottemperawx ruħhom mad-digriet, dawn jistgħu jitqiesu li wettqu disprezz tal-qorti u jkun possibbli li jiġu kkonfiskati l-beni tagħhom jew li tiġi imposta fuqhom multa jew priġunerija fuq il-persuni fiżiċi (punti 1 sa 5)."

– "[D]awn id-digrieti jinkludu wkoll il-punti li ġejjin, li lanqas ma ġew inklużi fir-rikors tal-appellanti (la ntlab li dawn il-passaġġi jiġu rikonoxxuti u lanqas li jiġu ddikjarati eżekuttivi):

'4. Sejra tiġi adottata deċiżjoni li tiffissa l-ammont tal-kumpens kontra kull waħda mill-kumpanniji Starlight u OME.

5. Sejjer ikun possibbli li jitressqu talbiet intiżi sabiex isiru iktar ħlasijiet akkont tal-imsemmi kumpens [dan jipprevedi manifestament il-każ li fih il-proċeduri quddiem il-qrati Griegi jkomplu u l-ispejjeż tar-rikorrenti jiġu mmultiplikati[23]].'"

[21] Il-qorti tar-rinviju tiċċita l-punt 83 tas-sentenza tal-High Court fit-termini li ġejjin: "[ir-rikorrenti] […] jsostnu talba għal kumpens […] L-ispejjeż ['costs' fil-verżjoni oriġinali bil-lingwa Ingliża] li huma sostnew sal-lum jekwivalu għal kważi GBP 163 000. Il-ħlas intermedjarju [mitlub] […] jekwivali għal GBP 150 000 jew kull ammont ieħor verjuri li l-High Court fil-ġudizzju sovran tagħha jidhrilha li huwa xieraq". Iktar 'il quddiem fid-deċiżjoni tar-rinviju, huwa rrilevat li, f'dan il-punt, huwa speċifikat li, f'din il-proċedura, rikorrenti oħrajn kienu talbu "akkont fuq il-kumpens ekwivalenti għal 60 % tal-ispejjeż sostnuti minnhom abbażi tal-azzjonijiet ġudizzjarji Griegi". Barra minn hekk, fil-punt 94 ta' din is-sentenza, iċċitata wkoll fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-High Court ikkunsidrat li "il-ħlas intermedjarju adegwat, bħala akkont fuq il-kumpens iċċitat iktar 'il fuq, jammonta għal GBP 100 000". Il-qorti tar-rinviju tiddikjara f'dan ir-rigward li "din il-kunsiderazzjoni ukoll hija ta' natura dikjaratorja u, wara evalwazzjoni tar-rikors, hemm lok li jiġi kkunsidrat li tqum biss fil-kawża odjerna l-kwistjoni dwar ir-rikonoxximent tagħha, u mhux il-kwistjoni tad-dikjarazzjoni tan-natura eżekuttiva tagħha, billi din l-aħħar imsemmija kwistjoni tikkonċerna biss il-parti rilevanti tad-digriet ta' wara s-sentenza".

[22] Bir-rata tal-kambju tas-26 ta' Settembru 2014, ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[23] Nota tal-qorti tar-rinviju.

– “U l-ewwel digriet jinkludu fih, barra minn hekk, l-ordnijiet li ġejjin:

‘8. […] kull waħda mill-kumpanniji Starlight u OME sejra tikkonkludi ftehim li jistabbilixxi li l-partijiet CTa [24] huma eżentati minn kull obbligu b’rabta mal-pretensjonijiet li kull waħda mill-kumpanniji Starlight u OME tista’ ssostni fl-azzjonijiet ġudizzjarji Griegi mibdija kontra kull waħda mill-partijiet CTa, konformement mal-mudell ta’ ftehim anness ma’ dan id-digriet, u Starlight u OME huma obbligati li jibgħatu l-verżjonijiet oriġinali ffirmati lill-avukati tal-partijiet CTa […]

9. Fil-każ li Starlight u OME ma jkunux jistgħu jiġu lokalizzati permezz ta’ tfittxija raġonevoli jew li dawn jonqsu milli jew jirrifjutaw li jiffirmaw il-ftehimiet sad-data imsemmija iktar ’il fuq, ikun possibbli li titressaq talba quddiem l-Imħallef Kay QC bil-għan li dan jeżegwixxi huwa stess l-imsemmija ftehimiet.’”

35. F’dawn iċ-ċirkustanzi, tqum il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tad-deċiżjonijiet li qegħdin jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tagħhom.

## *C. Klassifikazzjoni tad-deċiżjonijiet inkwistjoni*

36. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li s-sentenza u d-digrieti tal-High Court li l-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha ntgħażlet mill-partijiet fil-kuntest tal-ftehimiet ta’ riżoluzzjoni jiddeterminaw l-effetti ta’ dawn tal-aħħar fuq il-proċedura pendenti quddiem il-qrati Griegi.

37. Ċertament, dawn id-deċiżjonijiet ma jindirizzawx direttament lill-qorti Griega u ma jipprojbixxux formalment it-tkomplija tal-proċedura li hija adita biha. Madankollu, jinkludu fihom motivi dwar il-ġurisdizzjoni tal-qorti Griega fir-rigward tal-ftehimiet ta’ riżoluzzjoni konklużi bejn il-partijiet, kundanni pekunjarji, fosthom deċiżjoni ta’ kumpens pagabbli bħala akkont, dissważiva sa fejn l-ammont tagħha ma huwiex definittiv u tiddependi fuq it-tkomplija ta’ dik il-proċedura [25]. Barra minn hekk, dawn huma akkumpanjati minn sanzjonijiet u minn ordnijiet inseparabbli, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tagħhom [26]. Huma indirizzati *in personam* lil Starlight u OME bil-għan li dawn jiefqu milli jaġixxu bi ksur tal-ftehimiet ta’ riżoluzzjoni li jinkludu fihom klawżola dwar l-għażla tal-*forum* [27].

38. Abbażi ta’ dawn l-elementi kollha, jidhirli li huwa ġġustifikat li l-qorti tar-rinviju tikklassifika s-sentenza u d-digrieti tal-High Court bħala “‘kważi’ anti-suit injunctions” [28] u jikkonċernaw b’mod iktar partikolari d-deċiżjonijiet tal-kumpens li qegħdin jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tagħhom.

24 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li “‘CTa’ tirreferi għall-appellanti”, jiġifieri Charles Taylor u FD, ara l-punt 17 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

25 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li l-kalkolu u l-għoti bil-quddiem tal-ispejjeż bħala kumpens provviżorju essenzjalment jikkostitwixxu sanzjoni moħbija.

26 Fis-sentenza tal-10 ta’ Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69, punt 20), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà rrilevat il-varjetà ta’ miżuri adottati fil-kuntest ta’ “anti-suit injunctions”.

27 Ara l-punt 34 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

28 Ara, f’dan ir-rigward, il-frażi “forma ta’ anti-suit injunction”, użata fil-punt 89 tas-sentenza tad-19 ta’ Settembru 2018, C.E. u N.E. (C-325/18 PPU u C-375/18 PPU, EU:C:2018:739).

39. Konsegwentement, jiena tal-opinjoni li l-qorti tar-rinviju ġustament qiegħda tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mar-Regolament Nru 44/2001 tal-effetti tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni eventwali ta' dawn id-deċiżjonijiet billi tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja marbuta mal-*ħruġ* ta' "anti-suit injunction" [29] bil-għan li tislet minnha raġuni ta' ksur tal-ordni pubbliku.

## *D. Prinċipji ġurisprudenzjali applikabbli fil-qasam ta' "anti-suit injunction"*

### *1. Inkompatibbiltà mal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka tal-istħarriġ tal-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru minn qorti ta' Stat Membru ieħor*

40. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [30], id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ġurisdizzjoni jipprekludi l-ħruġ ta' projbizzjoni minn qorti fil-konfront ta' parti milli tibda jew tkompli azzjoni quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor [31] sa fejn din tippreġudika l-ġurisdizzjoni ta' din tal-aħħar sabiex tiddeċiedi t-tilwima li tkun adita biha. Fil-fatt, tali ndħil ma huwiex kompatibbli mas-sistema tal-konvenzjoni ta' Brussell kif ukoll tar-Regolament Nru 44/2001, li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka.

41. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja warrbet diversi raġunijiet invokati sabiex jiġi ġġustifikat dan l-indħil:

– il-fatt li huwa biss indirett u li huwa intiż li jipprekludi abbuż mill-proċedura min-naħa tal-konvenut fil-proċedura nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sentenza mogħtija fuq in-natura abbużiva tal-aġir attribwit lill-konvenut li jikkonsisti fil-fatt li dan jipprevalixxi ruħu mill-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor timplika evalwazzjoni tan-natura rilevanti tat-tressiq ta' azzjoni quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor [32], u

– il-fatt li jifforma parti minn proċedura ta' arbitraġġ [33].

29 Fil-qasam tar-*rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni* li tipprojbixxi parti milli tressaq ċerti talbiet quddiem qorti ta' Stat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza waħda [is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316)]. Madankollu, din ma hijiex rilevanti għall-kawża odjerna. Fil-fatt, din kienet tirrigwarda deċiżjoni ta' arbitraġġ, fatt li wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi, prinċipalment minħabba l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 li jeskludi l-arbitraġġ, li la dik id-deċiżjoni ta' arbitraġġ u lanqas id-deċiżjoni li biha, fejn xieraq, il-qorti ta' Stat Membru tirrikonoxxi din l-aħħar imsemmija sentenza ma jistgħu jaffettwaw il-fiduċja reċiproka bejn il-qrati ta' Stati Membri differenti li fuqha huwa bbażat dan ir-regolament (punt 39). Minn dan jirriżulta li l-proċedura ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ taqa' taħt id-dritt nazzjonali u taħt id-dritt internazzjonali applikabbli fl-Istat Membru li fih jintalab dan ir-rikonoxximent jew tintalab din l-eżekuzzjoni (il-punt 41). Fl-istess sens, il-premessa 12 tar-Regolament Nru 1215/2012 issa tenfasizza li dan ir-regolament ma japplikax għal azzjonijiet jew għal deċiżjoni li tikkonċerna r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2022, London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association, C-700/20, EU:C:2022:488, punt 46).

30 Ara s-sentenza tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228, punti 27, 28 u 31). Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69), u s-sinteżi ta' din tal-aħħar fis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316, punti 32 sa 34). Ara, fir-rigward tad-deċiżjoni l-iktar riċenti, iżda fil-qasam tar-responsabbiltà parentali, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2018, C.E. u N.E. (C-325/18 PPU u C-375/18 PPU, EU:C:2018:739, punt 90).

31 Ara, għal tfakkira tal-kuntest li fih jintużaw "anti-suit injunctions" fil-pajjiżi tal-"common law", Usinier, L., "Compétence judiciaire, reconnaissance et exécution des décisions en matière civile et commerciale. – Compétence. – Exceptions à l'exercice de la compétence. – Conflits de procédures. – Articles 29 à 34 du règlement (UE) n° 1215/2012", *JurisClasseur Droit international*, LexisNexis, Pariġi, 7 ta' Ottubru 2015 (l-aħħar aġġornament fit_3 ta' Awwissu 2022), faxxiklu 584-170, punt 5.

32 Ara s-sentenza tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228, punt 28).

33 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69, punti 27 u 28), kif ukoll tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316, punt 32).

42. Għalhekk, minn din il-ġurisprudenza joħroġ il-prinċipju ġenerali, illum stabbilit, li skontu kull qorti adita tiddetermina hija stess jekk għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-tilwima mressqa quddiemha, skont ir-regoli applikabbli[34], u parti ma tistax tiġi mċaħħda, taħt piena ta' sanzjoni fejn ikun xieraq, mill-fakultà li tadixxi qorti ta' Stat Membru li tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha[35].

*2. Eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' nuqqas ta' stħarriġ tal-ġurisdizzjoni limitati mil-leġiżlatur tal-Unjoni*

43. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju ġenerali huma awtorizzati b'mod limitat mir-Regolament Nru 44/2001, li dawn jikkonċernaw biss l-istadju tar-rikonoxximent jew tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u li huma intiżi li jiggarantixxu l-applikazzjoni ta' ċerti regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali jew esklużiva previsti unikament minn dan ir-regolament[36].

44. Konsegwentement, fl-opinjoni tiegħi, minn dan kollu hemm lok li jiġi dedott li l-leġiżlatur tal-Unjoni ikkunsidra li huma mingħajr effett fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nuqqas ta' stħarriġ tal-ġurisdizzjoni, il-ftehimiet tal-partijiet li bihom jobbligaw ruħhom li jissottomettu t-tilwim tagħhom għall-arbitraġġ jew li bihom jagħżlu qorti li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom[37].

[34] Ara s-sentenza Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69, punti 29 u 30).

[35] Ara, għal tfakkira tal-prinċipju u tas-sens wiesa' tiegħu, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2018, C.E. u N.E. (C-325/18 PPU u C-375/18 PPU, EU:C:2018:739, punti 90 u 91). Ara, wkoll f'dan is-sens, ċerti deċiżjonijiet nazzjonali bħas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni (Franza), l-Ewwel Awla Ċivili, tal-14 ta' Ottubru 2009 (Nri 08-16.369 u 08-16.549), u l-kummentarji b'mod partikolari ta' Clavel, S., "Conflits de juridictions. – Exequatur d'un jugement étranger. – Injonction anti-suit. – Ordre public international. – Clause attributive de juridiction. – Clauses de procédure.", *Journal du droit international (Clunet)*, LexisNexis, Pariġi, Jannar tal-2010, Nru 1, p. 146 sa 155, b'mod partikolari p. 152, u ta' Muir Watt, H., "La procédure d'*anti-suit injonction* n'est pas contraire à l'ordre public international", *Revue critique de droit international privé*, Dalloz, Pariġi, 2010, p. 158 sa 163. Ara wkoll, is-sentenza tal-High Court, tas-6 ta' Ġunju 2018, Nori Holding Limited *et* vs Public Joint-Stock Company "Bank Otkritie Financial Corporation", punt 90, iċċitata minn Law, S., "Article 29", fir-Requejo Isidro, M., *Brussel I bis: A Commentary on Regulation (EU) n° 1215/2012*, Edward Elgar Publishing, Cheltenham, 2022, p. 466 sa 483, b'mod partikolari l-punti 29.52 u 29.54, p. 481 u 482.

[36] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[37] F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li, għalkemm, fil-Konvenzjoni ta' Brussell, il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni kellu l-effett, skont l-Artikolu 17 tagħha, li jagħżel qorti li jkollha ġurisdizzjoni esklużiva, fir-Regolamenti Nru 44/2001 u Nru 1215/2012, din ir-regola inżammet "sa kemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor".

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx deċiżjoni dwar dan l-aħħar imsemmi każ[38]. Fl-opinjoni tiegħi, b'analoġija mas-soluzzjoni pprovduta, fil-qasam tal-arbitraġġ, fis-sentenza Allianz u Generali Assicurazioni Generali[39], parti li tadixxi qorti ta' Stat Membru billi tqis li l-klawżola li tattribwixxi l-ġurisdizzjoni li hija tat il-kunsens tagħha għaliha ma hijiex applikabbli ma tistax tiġi mċaħħda mill-protezzjoni ġudizzjarja li għandha dritt għaliha[40].

46. Fil-fatt, il-bażi tal-projbizzjoni tal-"anti-suit injunctions" fi ħdan l-Unjoni, jiġifieri l-fiduċja reċiproka bejn il-qrati, kif ukoll l-assenza ta' dispożizzjoni partikolari fir-Regolament Nru 1215/2012, li tissostitwixxi r-Regolament Nru 44/2001, jiġġustifikaw l-estensjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-każijiet li fihom tkun ingħatat ġurisprudenza esklużiva lil qorti skont ftehim bejn il-partijiet[41]. B'hekk, l-effett utli ta' dan ir-regolament huwa garantit[42].

### *E. Fuq il-motiv ibbażat fuq l-ordni pubbliku li jiġġustifika r-rifjut ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni ta' "anti-suit injunctions"*

47. Prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001[43], l-evalwazzjoni tal-ksur manifest tal-ordni pubbliku tal-Istat mitlub tirrigwarda *l-effetti prodotti mid-deċiżjoni barranija* jekk din tiġi rikonoxxuta u eżegwita[44], fid-dawl tas-sens Ewropew tal-ordni pubbliku[45].

38 Fil-kawża Gjensidige (C-90/22), attwalment pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar hija adita b'talba għal interpretazzjoni tal-Artikolu 45(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 1215/2012 (it-tieni domanda preliminari) li għandha bħala s-suġġett tagħha ftehim ta' għażla tal-*forum* inkluż f'kuntratt ta' trasport internazzjonali, irregolat minn ftehim internazzjonali speċjali, kif ukoll il-kunċett ta' "ordni pubbliku" f'dan il-kuntest partikolari (it-tielet domanda preliminari).

39 C-185/07, EU:C:2009:69, punti 26 u 31. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti tal-Istat ma tistax tiġi prekluża milli teżamina l-kwistjoni preliminari tal-validità jew tal-applikabbiltà tal-ftehim ta' arbitraġġ u b'hekk milli tevalwa, fuq talba tal-persuna interessata, jekk ftehim ta' arbitraġġ huwiex null, ineffettiv jew inapplikabbli. F'dan ir-rigward nirrileva, li minkejja l-kritika espressa mid-duttrina wara din is-sentenza minħabba s-sitwazzjoni partikolari tal-arbitraġġ (ara, b'mod partikolari, Muir Watt, H., *op. cit.*, p. 161), is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316), ma tpoġġix f'dubju l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-imsemmija sentenza. Ara, f'dan l-istess sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Ewwel Awla Ċivili, tal-14 ta' Ottubru 2009 (Nri 08-16.369 u 08-16.549), li ddeċidiet li ma hijiex kontra l-ordni pubbliku internazzjonali l-"anti-suit injunction", li l-għan tagħha "bla ħsara għall-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet jew tad-dritt komunitarju" jikkonsisti f'li tiġi osservata klawżola li tattribwixxi l-ġurisdizzjoni. Ara, fir-rigward ta' ċerti kummentarji dottrinali fuq din is-sentenza, in-nota ta' qiegħ il-paġna 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 Id-diskussjoni bejn il-partijiet tista' b'mod partikolari tikkonċerna l-kundizzjoni fuq il-mertu li għandu jissodisfa ftehim li jattribwixxi l-ġurisdizzjoni, jiġifieri li dan għandu jkun jikkonċerna "kwistjonijiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu in konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari" (l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 44/2001). Ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, CDC Hydrogen Peroxide (C-352/13, EU:C:2015:335, punt 67). Il-qorti adita tista' wkoll tkun indotta li tivverifika jekk il-klawżola tal-għażla tal-*forum* tidderogax minn regola ta' ġurisdizzjoni esklużiva jew jekk ġietx immanifestata intenzjoni li ssir deroga minnha jew inkella jekk din ġietx issostitwita fl-okkażjoni ta' ċirkustanzi oħrajn. Ara, bħala eżempju, Legros, C., "Commerce maritime. – Contrat de transport de marchandises. Responsabilité du transporteur", *JurisClasseur Transport*, LexisNexis, Pariġi, 25 ta' Settembru 2021, faxxiklu 1269, I, Conflits de juridictions, punt 48. Ara, barra minn hekk, fir-rigward tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni bbażata fuq klawżola li tattribwixxi l-ġurisdizzjoni u tal-motivi tagħha marbuta mal-validità ta' din tal-aħħar, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Gothaer Allgemeine Versicherung *et* (C-456/11, EU:C:2012:719, punt 29 u 41).

41 Ara, f'dan is-sens, Usunier, L., *op. cit.*, punt 5. Ara wkoll, Legros, C., *op. cit.*, punt 48.

42 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228, punt 29), u tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69, punt 24).

43 Ara l-punti 5 u 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44 Ara r-rapport ta' M. P. Jenard dwar il-ftehim tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali (ĠU 1979, C 59, p. 1), u b'mod partikolari p. 44, kif ukoll is-sentenza tat-28 ta' April 2009, Apostolides (C-420/07, EU:C:2009:271, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2000, Krombach (C-7/98, EU:C:2000:164, punti 25 sa 27). Ara, dwar dan il-kunċett, Nowak, J. T., u Richard, V., "Article 45", fir-Requejo Isidro, M., *Brussels I bis: A Commentary on Regulation (EU) n° 1215/2012*, *op. cit.*, p. 638 sa 678, b'mod partikolari l-punti 45.69 sa 45.72, p. 666 sa 668, u Mankowski, P., "Article 45", f'Magnus, U., u Mankowski, P., *European Commentaries on Private International Law, Brussels Ibis Regulation*, 2[de] éd., Otto Schmidt, Cologne, 2023, p. 842 sa 918, b'mod partikolari l-punti 28 *et seq.*, p. 864 *et seq.*

48. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat b'mod strett peress li jikkostitwixxi ostakolu għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-imsemmi regolament. Għaldaqstant huwa għandu japplika biss f'każijiet eċċezzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ il-limiti li fil-kuntest tagħhom il-qorti ta' Stat Membru tista' tuża dan il-kunċett sabiex ma tirrikonoxxix deċiżjoni li toriġina minn Stat Membru ieħor[46].

49. Fir-rigward tal-ordni pubbliku proċedurali[47], il-Qorti tal-Ġustizzja adottat sens wiesa' tal-kunċett previst f'dan il-punt 1 tal-Artikolu 34, billi qieset li dan jista' jiġi oppost f'każ ta' ostaklu għad-dritt għal rimedju effettiv iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[48].

50. Fil-kawża odjerna, id-domanda tal-qorti tar-rinviju tirrigwarda r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet, ibbażati b'mod partikolari fuq il-ksur ta' klawżola ta' għażla tal-*forum* inkluża fi ftehimiet ta' riżoluzzjoni, adottati mill-qorti magħżula mill-partijiet, li jiddeterminaw il-konsegwenzi pekunjarji[49]. B'mod partikolari, dawn id-deċiżjonijiet jikkundannaw lill-partijiet għal dawn il-ftehimiet li ma adixxewx fl-ewwel lok lil din il-qorti għall-ħlas ta' kumpens marbut mal-ispejjeż sostnuti mill-partijiet l-oħrajn imfittxija fi Stat Membru ieħor, bħala ħlas bil-quddiem.

46 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punti 48 u 49 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349, punti 38 u 40). Ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2022, London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association (C-700/20, EU:C:2022:488, punt 77).

47 Ara, f'dan ir-rigward, Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-E., *Compétence et exécution des jugements en Europe, Règlements 44/2001 et 1215/2012, Conventions de Bruxelles (1968) et de Lugano (1998 et 2007)*, 6e éd., Librairie générale de droit et de jurisprudence, collection "Droit des affaires", Pariġi, 2018, punti 438 *et seq.*, p. 611 *et seq.*, kif ukoll Nowak, J., T., u Richard, V., *op. cit.*, punti 45.82 *et seq.*, p. 671 *et seq.*

48 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349, punti 44 sa 46 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, ksur tal-ordni pubbliku proċedurali jikkostitwixxi ksur manifest tad-drittijiet tad-difiża, bla ħsara għall-eżerċizzju tar-rimedji ġudizzjarji (punti 48 u 50 ta' din is-sentenza kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Fuq l-applikazzjoni ta' dan il-motiv ta' nuqqas ta' rikonoxximent tal-"anti-suit injunctions", ara Mankowski, P., *op. cit.*, punt 31, p. 869.

49 Hemm lok li jiġi enfasizzat li din id-domanda ma tirrigwardax il-fondatezza tal-ħlas tad-danni meta parti tkun kisret ftehim li jattribwixxi l-ġurisdizzjoni. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fl-istadju tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni huwa pprojbit kull stħarriġ tal-metru [ara s-sentenzi tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni, (C-559/14, EU:C:2016:349, punt 41), u tas-16 ta' Jannar 2019, Liberato (C-386/17, EU:C:2019:24, punt 54)]. Fit-tieni lok, jidhirli madankollu li huwa xieraq li jsir riferiment għad-dibattitu fil-livell tad-duttrina li jeżisti f'din il-materja. Ara, minn naħa, Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-E., *op. cit.*, punt 162, p. 215, li jsostnu risposta negattiva fid-dritt tal-Unjoni. Ara, min-naħa l-oħra, Brosch, M., u Kahl, L. M., "Article 25", fir-Requejo Isidro, M., *Brussels I bis: A Commentary on Regulation (EU) no 1215/2012*, *op. cit.*, p. 344 sa 374, b'mod partikolari l-punt 25.75, p. 366, fejn ġew iċċitati d-deċiżjonijiet mogħtija mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) fis-17 ta' Ottubru 2019, III ZR 42/19, punti 41 sa 45, u mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) fit-23 ta' Frar 2007, Nru 201/2007, kif ukoll Álvarez González, S., "The Spanish Tribunal Supremo Grants Damages for Breach of a Choice-of-Court Agreement", *Praxis des Internationalen Privat- und Verfahrensrechts (IPRax)*, Gieseking, Bielefeld, 2009, vol. 29, Nru 6, p. 529 sa 533. Nosserva li, f'din id-deċiżjoni Ġermaniża li jipprevalixxu ruħhom minnha Charles Taylor u FD, id-deċiżjoni tal-kumpens tal-qorti magħżula mill-partijiet ingħatat wara li l-ewwel qorti adita ivverifikat il-ġurisdizzjoni tagħha. Ara, b'mod partikolari, il-kummentarju ta' Burianski, M., "Damages for breach of an exclusive jurisdiction clause", Jannar tal-2020, disponibbli fuq l-indirizz elettroniku li ġej:
https://www.whitecase.com/insight-alert/damages-breach-exclusive-jurisdiction-clause.

51. Akkumpanjati minn miżuri maħsuba sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tagħhom, l-imsemmija deċiżjonijiet, li ma ġewx adottati fuq bażi kawtelatorja, jipprovdu għall-għoti ta' kumpensi oħrajn f'każ li l-proċedura titkompla quddiem il-qorti Griega. Għaldaqstant, bl-effetti tagħhom, dawn tal-aħħar jeċċedu bil-kbir il-kuntest tal-interpretazzjoni tal-ftehimiet ta' riżoluzzjoni u tal-eżami tal-ġurisdizzjoni tagħha mill-qorti magħżula mill-partijiet f'dawn il-ftehimiet[50].

52. Għaldaqstant, impoġġija mill-ġdid fil-kuntest tagħhom, speċjalment id-digrieti tal-High Court indubjament għandhom l-effett li jġiegħlu lill-partijiet ikkonċernati jiddeżistu mill-azzjoni tagħhom. Bl-istess mod, indirettament ġie ostakolat l-aċċess għall-unika qorti li hija adita bil-kawża fuq il-mertu li, skont ir-Regolament Nru 44/2001, għandha s-setgħa tiddeċiedi fuq il-ġurisdizzjoni tagħha, li ssegwi l-proċedura sa tmiemha u li tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-proċedura mibdija quddiemha kif ukoll dwar it-talbiet għal kumpens eventwali marbuta ta' din tal-aħħar.

53. Billi tqis li hija dik il-qorti li għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-proċedura u tal-assjem taċ-ċirkustanzi[51], il-qorti tar-rinviju ġustament tinvoka, fl-opinjoni tiegħi, li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza u tad-digrieti tal-High Court huma manifestement inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-*forum* billi ssostni li dan jippreġudika l-prinċipju fundamentali, fiż-żona ġudizzjarja Ewropea li hija msejsa fuq il-fiduċja reċiproka[52], li skontu kull qorti għandha tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni proprja tagħha. Infakkar li dan il-prinċipju wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi li, fiċ-ċirkustanzi kollha, dan jipprekludi l-għoti ta' deċiżjonijiet li jipprojbixxu direttament jew indirettament it-tkomplija ta' proċedura mibdija fi Stat Membru ieħor.

54. Fi kliem ieħor, minħabba l-bażi sistematika ta' din il-projbizzjoni, ma tista' tiġi ammessa l-ebda deroga minnha, ħlief sabiex tiġi attwata deċiżjoni li kienet ipprojbita fil-kuntest ta' istanza diretta.

55. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta affermattiva għall-ewwel domanda preliminari u, konsegwentement, li tikkonstata li ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata t-tieni domanda.

50 F'dan ir-rigward, fil-kawża prinċipali, tista' tqum il-kwistjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-proċedura msemmija fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2003, Gasser (C-116/02, EU:C:2003:657), bla ħsara għall-konstatazzjoni li l-kundizzjonijiet ta' *lis alibi pendens* kienu sodisfatti. Għall-kuntrarju ta' dak li kien ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlatur tal-Unjoni, waqt il-formulazzjoni mill-ġdid tar-Regolament Nru 44/2001, ta prijorità lil qorti tal-post tal-forum magħżul sabiex tikkonferma l-ġurisdizzjoni tagħha fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 31(2) u (3) tar-Regolament Nru 1215/2012, fosthom dik li hija tkun adita bil-kawża. Dwar din l-aħħar imsemmija kundizzjoni essenzjali, speċjalment f'dan il-każ, ara Usunier, L., *op. cit.*, punt 29. Dwar l-estensjoni ta' din is-soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet li fihom huwa applikabbli r-Regolament Nru 44/2001, ara Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-E., *op. cit*, punt 367, p. 534. Barra minn hekk, hemm lok li jitfakkar li, fl-istadju tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni barranija, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' *lis alibi pendens* ma jostakolax tali rikonoxximent. Ara s-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Liberato (C-386/17, EU:C:2019:24, punt 52).

51 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2009, Gambazzi (C-394/07, EU:C:2009:219, punt 48).

52 Ara l-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## V. Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għad-domandi preliminari magħmula mill-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja) kif ġej:

L-Artikolu 34(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

qorti ta' Stat Membru tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi u teżegwixxi deċiżjoni minħabba li tmur kontra l-ordni pubbliku dovut għall-fatt li din id-deċiżjoni tostakola t-tkomplija ta' proċedura pendenti quddiem qorti oħra ta' dak l-Istat Membru, sa fejn tagħti lil waħda mill-partijiet kumpens pekunjarju provviżorju rappreżentanti l-ispejjeż sostnuti minnha minħabba l-ftuħ ta' dik il-proċedura, għar-raġuni, minn naħa, li s-suġġett ta' dik il-proċedura huwa kopert minn ftehim ta' riżoluzzjoni, konkluż b'mod legali u vvalidat mill-qorti tal-Istat Membru li tat l-imsemmija deċiżjoni, u, min-naħa l-oħra, li l-qorti tal-Istat Membru l-ieħor, li quddiemha infetħet dik il-proċedura, ma għandhiex ġurisdizzjoni minħabba klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni esklużiva.